

Brussell, 11 ta' April 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0368 (COD)

8025/1/17
REV 1

TRANS 139
MAR 70
CODEC 561

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15197/16 TRANS 484 MAR 300 CODEC 1829
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 – Approċċ ġenerali

INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament msemmija hawn fuq.
2. Il-proposta ġiet ippreżentata fil-kuntest tal-programm REFIT tal-Kummissjoni u l-impenn tagħha dwar regolamentazzjoni aħjar. Il-Kummissjoni identifikat tliet regolamenti bħala li m'għadhomx validi. It-tliet regolamenti jkopru arranġamenti għal titjib strutturali fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni; id-distribuzzjoni ta' kwoti għal vetturi ta' merkanzija tqila li l-Unjoni rċeviet mill-Iżvizzera; u l-awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għall-Istati Membri għas-suq tal-ġarr fil-Bulgarija u r-Rumanija.
3. Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni li fil-biċċa l-kbira tapprova l-proposta.

ĦIDMA FIL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-13 ta' Marzu 2017 u l-Presidenza fakkret fiha fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fl-14 ta' Marzu 2017. Barra minn hekk, l-Istati Membri ġew mistiedna jagħtu indikazzjoni sal-31 ta' Marzu 2017 f'każ kellhom xi rimarki rigward il-proposta. Ma saru l-ebda kummenti sa dik l-iskadenza. Madankollu, fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fl-10 ta' April 2017, ġie maqbul li jżiedu bidliet żgħar fil-premessi 2 u 3.
5. Il-Presidenza tqis li l-proposta tista' tiġi aċċettata, soġġetta għal reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.

KONKLUŻJONI

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna jeżaminaw u japprovaw l-approċċ ġenerali kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
-

2016/0368 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000
u (KE) Nru 685/2001
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kkonfermaw l-impenn konġunt tagħhom biex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (2) Sabiex jindaf u jitnaqqas il-volum tal-acquis leġiżlattiv, jeħtieġ li dan jiġi analizzat regolarment u li tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni skaduta. It-tfassir tal-leġiżlazzjoni skaduta huwa utli sabiex il-qafas leġiżlattiv jinżamm trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, f'dan il-każ is-setturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u dak tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.
- (3) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1101/89⁴ fl-1989. Għaxar snin wara, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 718/1999⁵, kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 546/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti jibqgħu jkunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Dak ir-Regolament kien ikopri l-istess suġġett bħal dak tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, mingħajr ma jħassar dan tal-aħħar.
- (4) Skont l-Artikolu 8(6) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq⁷, il-vetturi kollha li jissodisfaw l-istandards tekniċi tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE⁸ ġew eżentati minn kwalunkwe kwota jew arranġament ta' awtorizzazzjoni mill-1 ta' Jannar 2005. Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jgħorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera jenħtieġ għalhekk li jitqies bħala skadut.

⁴ Council Regulation (EEC) No 1101/89 of 27 April 1989 on structural improvements in inland waterway transport (Traduzzjoni mhux disponibbli bil-Malti) (ĠU L 116, 28.4.1989, p. 25).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).

⁶ Regolament (UE) Nru 546/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex jiġi ppromwovut it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 15).

⁷ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91.

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jgħorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 9).

- (5) Wara l-adeżżjoni mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 kemm tar-Repubblika tal-Bulgarija kif ukoll tar-Rumanija, ir-Regolament Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ ma għadux meħtieġ għaliex dawn l-Istati Membri mhumie x aktar meħtieġa li jiksbu l-awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport ikkombinat.
- (6) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jiġihassru r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 685/2001 u (KE) Nru 2888/2000,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 huma mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill

Il-President Il-President

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 li jirrigwarda t-tqassim tal-awtorizzazzjonijiet fost l-Istati Membri rċevuti permezz tal-Ftehimiet li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija (ĠU L 108, 18.4.2001, p. 1).